TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 384/10

**Anthony Grima**
**vs**
**GO plc u Melita plc**

Illum 13 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 t'Ottubru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab li ma jħallasx l-ammont ta' sitta u ħamsin ewro (€56), rappreżentanti l-perjodu transitorju meta qaleb minn GO plc għal Melita plc.

Is-soċjetajiet intimati ppreżentaw risposta bil-miktub għal din it-talba u attendew għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimati li huma rappreżentanti tas-soċjetajiet intimati, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa qaleb is-servizz tiegħu minn GO plc għal Melita plc u minkejja li avżhom li ried jaqta' s-servizz minn GO plc, dan xorta waħda rċieva kont ta' sitta w ħamsin ewro (€56).

Is-soċjeta' intimata GO plc issottomettiet illi t-talba tant hija vaga li ma jistax jasal għall-konklużjoni ta' min hu t-tort.

Da parte tagħha, l-Melita plc issottomettiet illi r-rikorrenti m'għandux kontijiet pendenti magħha u għalhekk m'għandhiex għalxiex tirrispondi.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal daħal fil-fond tal-kawża minkejja li hija ammont relattivament żgħir, pero' jikkunsidra punt importanti, illi wara li ra l-affarijiet it-Tribunal jinnota li r-rikorrenti qatt ma talab għal *porting*, *porting* jiġifieri sabiex jaqleb minn waħda għall-oħra, u allura l-ammont huwa dovut.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX. (+356) 21239888